**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2021/0293(COD)**

25.4.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali"
(COM(2021)0574 – C9-0359/2021 – 2021/0293(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ivars Ijabs

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fid-9 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Komunikazzjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" ("Il-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali") b'reazzjoni għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew għal Kumpass Diġitali, li tibni fuq l-Istrateġija Diġitali tal-Kummissjoni ta' Frar 2020. L-ambizzjonijiet ta' din il-Komunikazzjoni huma nobbli, għax ifittxu li jiżguraw is-sovranità diġitali tal-UE f'ambjent globali miftuħ u interkonness, filwaqt li jsegwu politiki li jagħtu s-setgħa lin-nies kif ukoll lin-negozji biex isawru futur diġitali ffokat fuq il-bniedem, sostenibbli u aktar prosperu. F'dan il-qafas, jittieħdu wkoll passi biex tinbena ekonomija Ewropea newtrali għall-klima, ċirkolari u reżiljenti. Dan il-Programm ta' Politika għandu l-għan li jiżgura li l-UE tilħaq l-għanijiet tagħha biex iġġib trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ewropea kif ukoll soċjetà usa' li hija konformi mal-valuri tagħna, u jsaħħaħ il-pożizzjoni globali tal-Ewropa ta' tmexxija diġitali. Il-Programm jistabbilixxi miri ewlenin li l-Unjoni kollha kemm hi hija mistennija li tilħaq sal-iskadenza tal-2030, filwaqt li jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ta' governanza innovattiv li jinvolvi kooperazzjoni annwali bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Il-miri diġitali stess huma bbażati fuq erba' pilastri ewlenin: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

F'termini ta' ħiliet diġitali, huwa rikonoxxut li ċ-ċittadini tal-Ewropa, b'mod ġenerali, bħalissa għadhom sostanzjalment lura, u hija r-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea li tgħinhom jiġu attrezzati bil-ħiliet li jeħtieġu. Filwaqt li għandu l-għan li jagħti lill-popolazzjoni kollha tal-UE ħiliet diġitali bażiċi jew aktar minn bażiċi, il-mira proġettata hija li mill-inqas 80 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu attrezzati b'tali mod sal-2030 (iċ-ċifra attwali hija stmata għal 56 %). It-taħriġ u l-edukazzjoni diġitali huma enfasizzati bħala neċessarji b'mod urġenti sabiex jappoġġjaw forza tax-xogħol li tippermetti lin-nies jiksbu ħiliet diġitali speċjalizzati ħalli jiksbu impjiegi ta' kwalità u karrieri ta' sodisfazzjon. Minbarra l-mira dwar il-ħiliet diġitali stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-UE għandu jkollha wkoll mira li teduka 20 miljun speċjalista tat-teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (żieda mill-istima preżenti ta' 8 miljun), bil-passi meħuda biex jiġi żgurat bilanċ akbar bejn il-ġeneri f'dak li jibqa' settur iddominat ħafna mill-irġiel.

Bl-istess mod, l-infrastruttura diġitali tal-Ewropa jeħtieġ li tiġi aġġornata sal-ogħla standards moderni possibbli biex jiġu żgurati l-kompetittività u s-sigurtà. Fl-ambitu tal-Programm, sal-2030, għandhom ikunu disponibbli networks b'veloċitajiet tal-gigabits f'kundizzjonijiet aċċessibbli għal dawk kollha li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità (l-istima attwali hija 59 %) u ż-żoni popolati kollha għandhom jiġu koperti mill-5G (l-istima attwali hija 14 % biss). Il-produzzjoni ta' semikondutturi mill-aktar avvanzati u sostenibbli fl-Ewropa, inkluż il-proċessuri, għandha, sal-2030, tkun mill-inqas 20 % tal-produzzjoni dinjija f'termini ta' valur (jiġifieri kapaċitajiet tal-manifattura taħt nodi ta' 5 nm, li jimmiraw għal 2 nm, u 10 darbiet aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija mil-lum). Bħalissa, l-Ewropa tipproduċi madwar 10 %. Barra minn hekk, għandhom jiġu installati 10 000 edge node sigur u newtrali għall-klima fl-UE sal-2030, b'mod li jiggarantixxi l-aċċess għal servizzi ta' data b'latenza baxxa kull fejn ikunu jinsabu n-negozji.

F'termini tan-negozji tagħna, il-Programm jipprevedi li mill-inqas 75 % tal-intrapriżi Ewropej adottaw is-servizzi ta' cloud computing, big data u Intelliġenza Artifiċjali sal-2030 (iċ-ċifra attwali hija stmata għal 26 %). Aktar minn 90 % tal-SMEs Ewropej għandhom ikunu laħqu

mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali sal-istess skadenza (l-istima attwali hija ta' 60 %). Barra minn hekk, jeħtieġ li tingħata prijorità lill-innovazzjoni avvanzata u fixkiela li għandha l-għan li tirdoppja l-għadd ta' unicorns fl-Ewropa sal-2030, permezz tat-tkabbir tas-sensiela ta' negozji innovattivi tal-UE li qed jespandu u t-titjib tal-aċċess tagħhom għall-finanzi.

Il-qasam finali ta' enfasi għall-Programm huwa d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. Hawnhekk, l-għan ġenerali ambizzjuż jimmira li jipprevedi l-ħajja demokratika u li s-servizzi pubbliċi jkunu aċċessibbli bis-sħiħ għaċ-ċittadini kollha online sal-2030. Kulħadd fl-UE jeħtieġlu jibbenefika minn ambjent diġitali mill-aqwa li jiffaċilita servizzi u għodod faċli biex jintużaw, effiċjenti u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza. Il-forniment online ta' servizzi pubbliċi ewlenin se jkun disponibbli għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej. Iċ-ċittadini Ewropej kollha għandu jkollhom aċċess għar-rekords mediċi tagħhom (rekords elettroniċi) u wieħed jittama li 80 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jużaw soluzzjonijiet tal-identifikazzjoni diġitali f'xi kapaċità bħala parti mill-ħajja ta' kuljum.

Bħala Rapporteur, infaħħar l-ispirtu u l-għanijiet ġenerali ta' din il-Proposta, li tfittex li tistabbilixxi infrastruttura diġitali solida biex twitti t-triq għall-futur tas-suq diġitali Ewropew. Madankollu, huwa importanti li jiġi enfasizzat li ċerti elementi kritiċi għall-ilħuq tal-objettivi ġenerali u l-miri diġitali mhumiex riflessi kompletament fit-test. B'mod speċifiku, dawn huma Cloud Ewropew, biex jiġu żgurati standards għoljin ta' sigurtà u privatezza madwar l-Unjoni għaċ-ċittadini tagħna; u l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni f'termini ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri dwar l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar ta' dawn tal-aħħar.

Fir-rigward tal-ewwel punt, peress li l-Proposta tfittex l-inklużjoni tal-ħajja demokratika - jiġifieri, l-elezzjonijiet f'livelli differenti, ir-referendums, il-bażijiet tad-data tal-votanti u aktar - huwa kruċjali li jiġi żgurat Cloud Ewropew għal dan il-għan. Din mhijiex miżura li tfittex li toħloq ostakli, u lanqas mhija att ta' protezzjoniżmu, iżda pjuttost karatteristika essenzjali tas-sikurezza. Din, fil-fehma tiegħi, hija kwistjoni ta' importanza fundamentali għall-Ewropa kif ukoll ta' sigurtà nazzjonali, u se tkun punt ewlieni għalija fir-rwol tiegħi bħala Rapporteur. Jiena nistenna bil-ħerqa li nisma' l-fehmiet tiegħek dwar din il-kwistjoni hekk kif nimxu 'l quddiem f'dan il-proċess.

Fir-rigward tat-tieni punt, l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni, din għandha tassumi aktar responsabbiltà fir-rigward tas-segwitu tal-proċess u l-progress tal-Istati Membri f'termini ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni kif ukoll l-obbligi tagħhom dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar. Dan ma għandux għalfejn jippreġudika r-rwol tal-Parlament Ewropew, li għandu jinżamm aġġornat ukoll dwar l-iżviluppi.

Għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-mod li bih din il-Proposta tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew, inklużi aspetti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Jeħtiġilna nikkunsidraw il-punti ta' konverġenza sabiex niżguraw il-koerenza mal-għodod u mal-leġiżlazzjoni diġà eżistenti. Fl-aħħar nett, is-sinifikat tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku Ewropew - f'termini ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali għaċ-ċittadini tagħna, kif ukoll l-aspett strateġiku usa' għall-Unjoni kollha - fil-qalba stess ta' din il-proposta, ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed.

Għandi l-intenzjoni li nikkollabora ma' Martina Dlabajova, rapporteur fil-Kumitat ITRE, hekk kif tavvanza l-Proposta - peress li l-ewwel jivvota l-Kumitat IMCO, għandna l-kapaċità li nistabbilixxu standards għoljin u nwittu t-triq għall-vot finali fil-plenarja.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" tad-9 ta' Marzu 2021[31] ("Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali"), il-Kummissjoni stabbilixxiet il-viżjoni tagħha għall-2030 biex tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji permezz tat-tranżizzjoni diġitali. L-approċċ tal-Unjoni għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà jenħtieġ li jinkludi s-sovranità diġitali, l-inklużjoni, ***l-ugwaljanza***, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza, is-sigurtà, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, ir-rispett tad-drittijiet u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini u jenħtieġ li dan jikkontribwixxi għal ekonomija u soċjetà dinamiċi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ġusti fl-Unjoni. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" tad-9 ta' Marzu 2021[31] ("Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali"), il-Kummissjoni stabbilixxiet il-viżjoni tagħha għall-2030 biex tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji permezz tat-tranżizzjoni diġitali. L-approċċ tal-Unjoni għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà jenħtieġ li jinkludi s-sovranità diġitali, l-inklużjoni, ***opportunitajiet indaqs irrispettivament mir-reliġjon jew ġeneru***, is-sostenibbiltà***, l-aċċessibbiltà***, ir-reżiljenza, is-sigurtà, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, ir-rispett tad-drittijiet u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini u jenħtieġ li dan jikkontribwixxi għal ekonomija u soċjetà dinamiċi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ġusti fl-Unjoni ***u suq uniku aċċessibbli u kompletament funzjonali***. |
| [31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" COM/2021/118 final/2. | [31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" COM/2021/118 final/2. |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna l-istrateġija industrijali l-ġdida tal-2020[32], l-Unjoni Ewropea jeħtieġ tidentifika sistemi ta' teknoloġiji kritiċi u setturi strateġiċi biex tindirizza dgħufijiet strateġiċi u dipendenzi ta' riskju għoli li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' provvista jew riskji marbuta maċ-ċibersigurtà, u biex trawwem tranżizzjoni diġitali. Dan jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jingħaqdu flimkien u jappoġġaw l-isforzi tal-industrija biex tindirizza dawn id-dipendenzi u biex tiżviluppa ħtiġijiet ta' kapaċità strateġika. Dan iwieġeb ukoll għall-analiżi fir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021[33]. Fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u t-tħejjija ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi tagħhom favur Proġetti Multinazzjonali fil-qasam diġitali. Din l-esperjenza enfasizzat il-ħtieġa li l-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi ta' koordinazzjoni mill-Istati Membri, u li l-Unjoni tiddisponi minn mekkaniżmi ta' implimentazzjoni li jiffaċilitaw l-investimenti konġunti, biex il-Proġetti Multinazzjonali jimmaterjalizzaw. Flimkien ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni, bħall-Osservatorju għat-Teknoloġiji Kritiċi[34], jenħtieġ li tiġi stabbilita struttura ta' governanza li timplimenta l-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali u jenħtieġ li din tgħin biex jiġu identifikati d-dipendenzi strateġiċi diġitali attwali u futuri possibbli tal-Unjoni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranità diġitali tagħha. | (3) Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna l-istrateġija industrijali l-ġdida tal-2020[32], l-Unjoni Ewropea jeħtieġ tidentifika sistemi ta' teknoloġiji kritiċi u setturi strateġiċi biex tindirizza dgħufijiet strateġiċi u dipendenzi ta' riskju għoli li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' provvista jew riskji marbuta maċ-ċibersigurtà, u biex trawwem tranżizzjoni diġitali. Dan jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jingħaqdu flimkien u jappoġġaw l-isforzi tal-industrija biex tindirizza dawn id-dipendenzi u biex tiżviluppa ħtiġijiet ta' kapaċità strateġika. Dan iwieġeb ukoll għall-analiżi fir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021[33]. Fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u t-tħejjija ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi tagħhom favur Proġetti Multinazzjonali fil-qasam diġitali. Din l-esperjenza enfasizzat il-ħtieġa li l-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi ta' koordinazzjoni mill-Istati Membri, u li l-Unjoni tiddisponi minn mekkaniżmi ta' implimentazzjoni li jiffaċilitaw l-investimenti konġunti, biex il-Proġetti Multinazzjonali jimmaterjalizzaw. Flimkien ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni, bħall-Osservatorju għat-Teknoloġiji Kritiċi[34], jenħtieġ li tiġi stabbilita struttura ta' governanza li timplimenta l-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali u jenħtieġ li din tgħin biex jiġu identifikati d-dipendenzi strateġiċi diġitali attwali u futuri possibbli tal-Unjoni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranità diġitali tagħha***, filwaqt li jinżamm suq diġitali miftuħ***. |
| [32] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aġġornament tal- | [32] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aġġornament tal- |

Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa", 5.5.2021 COM(2021) 350 final.

[33] COM(2021) 750 final tat-8.9.2021 – "Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021 - Il-kapaċità u l-libertà tal-UE li tagħżel".

[34] Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali, 22.02.2021, COM(2021) 70 final, Azzjoni 4.

Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa", 5.5.2021 COM(2021) 350 final.

[33] COM(2021) 750 final tat-8.9.2021 – "Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021 - Il-kapaċità u l-libertà tal-UE li tagħżel".

[34] Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali, 22.02.2021, COM(2021) 70 final, Azzjoni 4.

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[35] enfasizzat li ***l-Ewropa jenħtieġ li tisfrutta l-potenzjal tat-trasformazzjoni diġitali,*** li ***hi*** strument abilitanti ***ewlieni*** biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku. Jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi u tinvesti ***fit-trasformazzjoni*** diġitali ***meħtieġa billi t-teknoloġiji diġitali huma strument abilitanti kritiku għall-kisba tal-għanijiet*** ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku f'ħafna setturi differenti. Teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-5G, il-cloud u l-edge computing u l-internet tal-oġġetti jistgħu jaċċelleraw u jimmassimizzaw l-impatt tal-politiki biex jittrattaw it-tibdil fil-klima u jħarsu l-ambjent. Id-diġitalizzazzjoni tippreżenta wkoll opportunitajiet ġodda għall-monitoraġġ mill-bogħod tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma, ***jew*** għall-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni ta' kif jintużaw l-enerġija u r-riżorsi naturali. L-Ewropa teħtieġ settur diġitali li jpoġġi s-sostenibbiltà fil-qalba tiegħu, filwaqt li jiżgura li l-infrastrutturi u t-teknoloġiji diġitali jsiru aktar sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi b'mod verifikabbli, u jikkontribwixxu għal | (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[35] enfasizzat li ***t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa jenħtieġ*** li ***ssir*** strument abilitanti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku ***u tal-istrateġija industrijali aġġornata tal-Unjoni u biex tiżdied il-kompetittività***. Jenħtieġ li l-Unjoni ***twitti t-triq għal futur diġitali sostenibbli u reżiljenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li*** tippromwovi u tinvesti ***f'teknoloġiji u infrastruttura*** diġitali ***li jkunu ddisinjati b'mod sostenibbli, bi standards għoljin tal-ekodisinn, biex jinkisbu l-għanijiet*** ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku f'ħafna setturi differenti. Teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-5G, il-cloud u l-edge computing u l-internet tal-oġġetti jistgħu jaċċelleraw u jimmassimizzaw l-impatt tal-politiki biex jittrattaw it-tibdil fil-klima u jħarsu l-ambjent. Id-diġitalizzazzjoni tippreżenta wkoll opportunitajiet ġodda għall-monitoraġġ mill-bogħod tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma, ***u*** għall-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni ta' kif jintużaw l-enerġija u r-riżorsi naturali. L-Ewropa teħtieġ settur diġitali li jpoġġi s-sostenibbiltà fil-qalba |

| | |
|---|---|
| ekonomija u soċjetà sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. | tiegħu, filwaqt li jiżgura li l-infrastrutturi***, is-servizzi*** u t-teknoloġiji diġitali jsiru aktar sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi b'mod verifikabbli ***permezz ta' metodoloġija kompleta ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja bi kriterji multipli***, u jikkontribwixxu għal ekonomija u soċjetà sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew ***u l-Istrateġija tal-UE għall-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.***[34a] |
| __________________ | __________________ |
| | ***34a Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" COM(2020)789.*** |
| [35] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", 11.12.2019, COM/2019/640 final. | [35] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", 11.12.2019, COM/2019/640 final. |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Il-politiki u l-investimenti fl-infrastruttura diġitali jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jiżguraw konnettività inklużiva, b'aċċess għall-internet, broadband u servizzi mobbli disponibbli u affordabbli, sabiex jingħalaq id-distakk diġitali madwar l-Unjoni, u biex jiġi appoġġat l-aċċess għal servizzi diġitali u xejriet emerġenti ffaċilitati mill-broadband; It-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-kummerċ transfruntier mas-servizzi diġitali hija pass importanti biex jiġi realizzat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***diġitali fl-Unjoni.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) L-intelliġenza Artifiċjali (IA) b'mod partikolari hija teknoloġija promettenti li l-Ewropa għandha ttejjeb. Mill-mediċina sat-trasport għaċ-ċibersigurtà u l-effiċjenza enerġetika, u aktar minn hekk, l-IA hija promettenti ħafna għall-progress fis-soċjetà tagħna, u biex jissolvew uħud mill-akbar problemi tad-dinja fis-saħħa, l-ambjent, l-edukazzjoni u l-mobilità - dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni u jiġi approfondit is-suq intern.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Jenħtieġ li l-miżuri previsti fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali jiġu implimentati, biex jiġu intensifikati l-azzjonijiet definiti fl-istrateġija "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa", u filwaqt li jibnu fuq l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni (bħall-programmi ta' Koeżjoni, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] u r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]) u dwar il-fondi allokati għat-tranżizzjoni diġitali tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39]. Għalhekk, permezz ta' din id- | (5) Jenħtieġ li l-miżuri previsti fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali jiġu implimentati, biex jiġu intensifikati l-azzjonijiet definiti fl-istrateġija "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa", u filwaqt li jibnu fuq l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni (bħall-programmi ta' Koeżjoni, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] u r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]) u dwar il-fondi allokati għat-tranżizzjoni diġitali tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39]. Għalhekk, permezz ta' din id- |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Programm ta' Politika "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" biex tinkiseb, titħaffef u titfassal trasformazzjoni diġitali b'suċċess ***tal-ekonomija u s-soċjetà*** tal-Unjoni. | Deċiżjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Programm ta' Politika "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" biex tinkiseb, titħaffef u titfassal trasformazzjoni diġitali b'suċċess ***bħala għodda biex jinkisbu l-objettivi ta' politika ġenerali*** tal-Unjoni***, filwaqt li jinżammu standards għoljin ta' sigurtà u privatezza***. |
| [36] Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240, ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1. | [36] Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240, ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1. |
| [37] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013, ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1. | [37] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013, ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1. |
| [38] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30. | [38] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30. |
| [39] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17. | [39] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17. |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Biex tiġi segwita t-trajettorja tal-Unjoni fir-rigward tal-pass tat- | (6) Biex tiġi segwita t-trajettorja tal-Unjoni fir-rigward tal-pass tat- |

| | |
|---|---|
| trasformazzjoni diġitali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri diġitali. Jenħtieġ li dawn il-miri jkunu marbuta ma' oqsma konkreti, meta l-progress jenħtieġ li jsir b'mod kollettiv fl-Unjoni. Il-miri jsegwu l-erba' punti kardinali identifikati fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali, identifikati bħala l-oqsma essenzjali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u ***d-diġitalizzazzjoni*** tas-servizzi pubbliċi. | trasformazzjoni diġitali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri diġitali ***u li huma ggwidati minn objettivi tas-soċjetà ambjentalment sostenibbli***. Jenħtieġ li dawn il-miri jkunu marbuta ma' oqsma konkreti, meta l-progress jenħtieġ li jsir b'mod kollettiv fl-Unjoni. Il-miri jsegwu l-erba' punti kardinali identifikati fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali, identifikati bħala l-oqsma essenzjali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u tas-servizzi pubbliċi***, oqsma li jeħtieġ li jiġu appoġġati bl-istess mod***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Id-diġitalizzazzjoni jenħtieġ li tkun għodda għall-progress. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-appoġġ uman u l-għażla ta' mezzi ta' parteċipazzjoni mhux diġitali fl-aspetti ewlenin kollha tal-ħajja pubblika u privata, speċjalment għal persuni li għad jistgħu jiffaċċjaw ostakli għall-parteċipazzjoni diġitali.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-ħiliet diġitali, bażiċi u avvanzati, huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tas-soċjetà tal-Unjoni. Iċ-ċittadini b'setgħa u kapaċitajiet diġitali se jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tad-Deċennju Diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li t-taħriġ u l-edukazzjoni diġitali jappoġġaw forza tax- | (7) Il-ħiliet diġitali, bażiċi u avvanzati, huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tas-soċjetà tal-Unjoni. Iċ-ċittadini b'setgħa u kapaċitajiet diġitali se jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tad-Deċennju Diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li t-taħriġ u l-edukazzjoni diġitali jappoġġaw forza tax- |

| | |
|---|---|
| xogħol li tippermetti lin-nies ***jistgħu*** jiksbu ħiliet diġitali speċjalizzati biex ikollhom impjiegi ta' kwalità u karrieri ta' sodisfazzjon f'numri ferm akbar mil-lum, ***b'konverġenza bejn in-nisa u l-irġiel. Barra minn hekk, fattur abilitanti essenzjali biex jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, għal aktar żviluppi teknoloġiċi u għat-tmexxija diġitali tal-Ewropa hu infrastruttura diġitali sostenibbli għall-konnettività, il-mikroelettronika u l-kapaċità*** li ***tiġi pproċessata data vasta. Hemm bżonn konnettività eċċellenti u sigura għal kulħadd u kullimkien fl-Ewropa***, ***inkluż f'żoni rurali*** u ***remoti***[40]. ***Il-ħtiġijiet tas-soċjetà għall-wisa' tal-banda tad-download u tal-upload qed jiżdiedu b'mod kostanti. Sal-2030,*** jenħtieġ li ***n-networks b'veloċitajiet tal-gigabits ikunu disponibbli f'kundizzjonijiet aċċessibbli għal dawk kollha li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità. Barra minn hekk, il-mikroproċessuri li llum diġà huma fil-bidu tal-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur strateġiċi ewlenin huma mistennija li jkunu f'domanda saħansitra ogħla fil-futur, b'mod partikolari dawk l-aktar innovattivi.*** sme***Fatturi abilitanti kritiċi mistennija jkunu edge node newtrali għall-klima*** u ***sigur ħafna*** li ***jiżgura aċċess għal servizzi tad-data b'latenza baxxa kull fejn ikunu jinsabu n-negozji, u l-kapaċità kwantistika***. | xogħol li tippermetti lin-nies jiksbu ħiliet diġitali speċjalizzati biex ikollhom impjiegi ta' kwalità u karrieri ta' sodisfazzjon f'numri ferm akbar mil-lum, ***filwaqt*** li ***jiġu eliminati d-distakki bejn il-ġeneri***, ***soċjali*** u ***dawk ġeografiċi***. ***It-tagħlim mhux formali fuq il-post tax-xogħol*** jenħtieġ li ***jwassal ħiliet diġitali mfassla għall-ħtiġijiet tas-suq, għalhekk tagħlim diġitali mogħti*** minn ***dawk*** li ***jħaddmu fil-forma ta' tagħlim miksbu permezz tal-esperjenza jenħtieġ*** li ***jkun rikonoxxut***, ***promoss u mkejjel b'mod ekwivalenti***. ***Edukazzjoni*** u ***taħriġ diġitali jenħtieġ*** li ***jiġi estiż għall-ambjent kummerċjali, speċjalment għall-mikro intrapriżi u l-SMEs sabiex tkun żgurata trasformazzjoni diġitali effettiva***. |

______________________

***[40] Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE. COM(2021) 345 finali.***

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Bħala fattur abilitanti essenzjali biex jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji tad-*** |

***diġitalizzazzjoni u għal aktar żviluppi teknoloġiċi, it-tmexxija diġitali tal-Ewropa għandha bżonn infrastruttura diġitali sostenibbli għall-konnettività, il-mikroelettronika u l-kapaċità li tiġi pproċessata data. Barra minn hekk, il-mikroproċessuri li llum diġà huma fil-bidu tal-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur strateġiċi ewlenin huma mistennija li jkunu f'domanda saħansitra ogħla fil-futur, b'mod partikolari dawk l-aktar innovattivi. Huwa ta' importanza kbira li jiġu żgurati l-investimenti xierqa li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-iżvilupp tan-networks 5G, l-infrastruttura tal-cloud, il-kapaċitajiet tal-computing ta' prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji tal-computing kwantistiku u teknoloġiji emerġenti oħra tal-ICT. Jenħtieġ li jiġu vvalutati kif xieraq il-kontribut ambjentali ta' edge node sigur ħafna newtrali għall-klima, il-kapaċità kwatistika u t-teknoloġiji emerġenti. Il-politika tal-iżvilupp tan-network jenħtieġ li tillimita d-duplikazzjoni tan-networks b'veloċità għolja ħafna u tadotta strateġija bbażata fuq il-komplementarjetà u l-interoperabbiltà tan-network u tindirizza l-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk diġitali.***

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Hemm bżonn konnettività affidabbli, rapida, affordabbli u sigura għal kulħadd u kullimkien fl-Ewropa, inkluż f'żoni rurali, muntanjużi u remoti[40]. Il-ħtiġijiet tas-soċjetà għall-wisa' tal-banda tad-download u tal-upload qed jiżdiedu b'mod kostanti. Sal-2030, jenħtieġ li networks b'veloċità tal-gigabits ikunu disponibbli f'kundizzjonijiet aċċessibbli għal dawk kollha li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità. Konsultazzjoni pubblika wiesgħa li tinvolvi liċ-ċittadini qabel l-iskjerament ta' proġetti ta' infrastruttura diġitali jenħtieġ li twassal għal aktar fiduċja, aċċettabbiltà u ttejjeb it-tfassil ta' proġetti bil-ħtiġijiet konkreti u l-feedback tal-komunitajiet lokali.*** <br> ___________________ <br> ***[40] Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE. COM(2021) 345 final*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Lil hinn mill-fatturi abilitanti, it-teknoloġiji*** kollha msemmija hawn fuq se jkunu fil-qalba ta' prodotti ġodda, proċessi ta' manifattura ġodda u mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq il-kondiviżjoni ġusta tad-data fl-ekonomija tad-data. It-trasformazzjoni tan-negozji se tkun tiddependi fuq il-kapaċità tagħhom li jadottaw teknoloġiji diġitali ġodda malajr u b'mod ġenerali, inkluż fl-ekosistemi industrijali u tas-servizzi li bħalissa għadhom lura. | (8) ***It-teknoloġiji*** kollha msemmija hawn fuq se jkunu fil-qalba ta' prodotti ġodda, proċessi ta' manifattura ġodda u mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq il-kondiviżjoni ġusta ***u sigura*** tad-data fl-ekonomija tad-data***, filwaqt li jiżguraw protezzjoni effettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data***. It-trasformazzjoni tan-negozji***, speċjalment tal-mikrointrapriżi u l-SMEs,*** se tkun tiddependi fuq il-kapaċità tagħhom li jadottaw teknoloġiji diġitali ġodda malajr u b'mod ġenerali, inkluż fl-ekosistemi industrijali u tas-servizzi li bħalissa għadhom lura. ***Huwa għalhekk meħtieġ li*** |

***n-negozji, speċjalment il-mikrointrapriżi u l-SMEs, jibbenefikaw minn taħriġ fit-trasformazzjoni diġitali u l-assistenza finanzjarja, sabiex ikunu parti minn dan il-proċess.***

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Id-diġitalizzazzjoni jenħtieġ li tkun l-għodda li twassal riżultati għaċ-ċittadini, għaliex għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni, tas-saħħa jew tal-amministrazzjoni pubblika, iżda jekk tiġi implimentata b'mod żbaljat, tista' tagħmel ħsara lill-baġits pubbliċi. Il-massimizzazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza tan-nefqa fid-diġitalizzazzjoni tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar l-infiq jirriżultaw f'valur akbar. Barra minn hekk, minħabba li l-ġbir ta' informazzjoni fil-prinċipju huwa aktar għali u oneruż mill-kondiviżjoni ta' informazzjoni li hija diġà miġbura, l-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li ċ-ċittadini u n-negozji jagħtu data differenti darba biss lil amministrazzjoni pubblika.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Is-servizzi diġitali pubbliċi jenħtieġ li jissodisfaw il-prinċipji ewlenin f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD għall-gvern diġitali. Il-prinċipju ta' "diġitali mit-tfassil" jenħtieġ li jiżgura li meta l-gvern jipproponi teknoloġiji diġitali, huwa għandu jaħseb*** |

| | |
|---|---|
| | ***mill-ġdid u jfassal mill-ġdid il-proċessi pubbliċi, jissimplifika l-proċeduri, u joħloq kanali ġodda ta' komunikazzjoni u involviment mal-partijiet ikkonċernati. Settur pubbliku xprunat mid-data jistabbilixxi d-data bħala assi strateġiku u jippromwovi l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid ta' mekkaniżmi għal teħid ta' deċiżjonijiet u tfassil u twassil aħjar tas-servizzi. Il-prinċipju tal-"gvern bħala pjattaforma" jenħtieġ li jiżgura li firxa wiesgħa ta' pjattaformi, standards u għodod li jrawmu l-integrazzjoni u l-koerenza fis-settur pubbliku jiffokaw fuq il-ħtiġijiet tal-utenti fis-servizzi pubbliċi.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-ħajja demokratika u s-servizzi pubbliċi ***se jiddependu wkoll b'mod kruċjali fuq it-teknoloġiji*** diġitali ***u,*** għalhekk, ***għandhom ikunu*** kompletament aċċessibbli għal kulħadd, ***bħala ambjent diġitali mill-aqwa li jipprovdi*** servizzi u għodod faċli biex jintużaw, effiċjenti u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza. | (9) Il-ħajja demokratika u s-servizzi pubbliċi ***jistgħu jibbenefikaw minn infrastruttura*** diġitali ***sigura.*** Għalhekk, ***din jenħtieġ li tkun*** kompletament aċċessibbli għal kulħadd, ***għal*** servizzi u għodod faċli biex jintużaw, effiċjenti u personalizzati***,***bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza. ***Għall-fini ta' titjib tal-aċċess għas-servizzi diġitali pubbliċi u privati madwar l-Unjoni u t-tneħħija tal-ostakoli diġitali madwar l-Istati Membri, il-kartiera tal-Identità Diġitali Ewropea[1a] jenħtieġ li ssir disponibbli għal kwalunkwe ċittadin jew negozju li jkun jixtieq jagħmel użu minnha, filwaqt li jikkonforma mar-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.***<br>__________________<br>***[1a] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea*** |

***(2021/0136(COD)).***

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) ***Progress*** armonjuż***, inklużiv*** u ***kostanti lejn it-trasformazzjoni*** diġitali u ***lejn l-ilħuq*** tal-miri diġitali fl-Unjoni, jeħtieġ forma ta' governanza komprensiva, robusta, affidabbli, flessibbli u trasparenti, ibbażata fuq kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, u l-Istati Membri. Mekkaniżmu xieraq jenħtieġ li jiżgura l-koordinazzjoni tal-konverġenza u l-konsistenza u l-effettività tal-politiki u tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. ***Għalhekk***, jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni li jimplimenta l-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali. | (11) ***Approċċ*** armonjuż u ***inklużiv għat-trasformazzjoni*** diġitali u ***għall-ilħuq*** tal-miri diġitali fl-Unjoni, jeħtieġ forma ta' governanza komprensiva ***orjentata lejn iċ-ċittadini u orjentata lejn in-negozju***, robusta, affidabbli, flessibbli u trasparenti, ibbażata fuq kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, u l-Istati Membri. Mekkaniżmu xieraq jenħtieġ li jiżgura l-koordinazzjoni tal-konverġenza***, it-trasferiment tal-aħjar prattiċi*** u l-konsistenza u l-effettività tal-politiki u tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali ***u jenħtieġ li jinċentiva wkoll l-attivazzjoni ta' sinerġiji xierqa bejn il-fondi tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kif ukoll bejn l-inizjattivi u l-programmi differenti tal-Unjoni***. ***Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida ċari, sempliċi u prattiċi biex tagħmel l-aħjar użu mill-aktar tipi xierqa ta' sinerġiji. Filwaqt li jiġi kkunsidrat dan kollu***, jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni li jimplimenta l-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali. ***L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw parteċipazzjoni inkluživa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità u rappreżentanti tad-drittijiet diġitali, biex jiżguraw li t-trasformazzjoni diġitali tkun ta' benefiċċju ugwali għal kulħadd.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jinkludi sistema ta' monitoraġġ imtejba biex jiġu identifikati l-lakuni fil-kapaċitajiet diġitali strateġiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' rapportar, fost l-oħrajn, dwar il-progress lejn il-viżjoni għall-2030 u l-miri diġitali korrispondenti, kif ukoll dwar l-istat aktar ġenerali tal-konformità mal-objettivi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li dan jistabbilixxi qafas kooperattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu identifikati soluzzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet u jiġu proposti azzjonijiet immirati għal rimedji effettivi. | (12) Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jinkludi sistema ta' monitoraġġ imtejba biex jiġu identifikati l-lakuni fil-kapaċitajiet diġitali strateġiċi tal-Unjoni***, b'enfasi partikolari fuq gruppi vulnerabbli bħan-nisa, l-anzjani jew it-tfal f'riskju ta' esklużjoni soċjali***. Jenħtieġ li dan jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' rapportar, fost l-oħrajn, dwar il-progress lejn il-viżjoni għall-2030 u l-miri diġitali korrispondenti, kif ukoll dwar l-istat aktar ġenerali tal-konformità mal-objettivi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li dan jistabbilixxi qafas kooperattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu identifikati soluzzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet u jiġu proposti azzjonijiet immirati għal rimedji effettivi. |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-miri diġitali, filwaqt li tagħti dettalji dwar il-grad ta' progress tal-Unjoni b'rabta mat-trajettorji proġettati għal kull mira, il-valutazzjoni tal-isforzi meħtieġa biex tintlaħaq kull mira, l-inklużjoni ta' lakuni fl-investiment fil-kapaċitajiet diġitali u s-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżdied is-sovranità diġitali. Jenħtieġ li r-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proposti regolatorji rilevanti, kif ukoll tal-azzjonijiet imwettqa fil-livell tal-Unjoni u | (15) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar ***kemm l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni ġew integrati b'mod effettiv fl-ippjanar u fl-iżvilupp tal-proġetti u dwar kwalunkwe problema identifikata, kif ukoll dwar*** il-progress lejn il-miri diġitali, filwaqt li tagħti dettalji dwar il-grad ta' progress tal-Unjoni b'rabta mat-trajettorji proġettati għal kull mira, il-valutazzjoni tal-isforzi meħtieġa biex tintlaħaq kull mira, l-inklużjoni ta' lakuni fl-investiment fil-kapaċitajiet diġitali***, id-diffikultajiet iffaċċjati fil-proċess tad-diġitalizzazzjoni*** u s-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżdied is- |

| | |
|---|---|
| tal-Istati Membri. | sovranità diġitali*, **filwaqt li jinżamm suq diġitali miftuħ***. Jenħtieġ li r-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proposti regolatorji rilevanti, kif ukoll tal-azzjonijiet imwettqa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri. |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Sabiex jiġu żgurati monitoraġġ u progress sistematiċi fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali għall-membri kollha tas-soċjetà, jenħtieġ li l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tinkorpora mill-inqas l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) li ġejjin għal kull mira diġitali li tinsab fl-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI); l-impatt tad-diġitalizzazzjoni, il-proporzjon ta' ċentri tad-data b'livell għoli ta' ekodisinn, il-proporzjon ta' komponenti diġitali li jiġu riċiklati, is-sehem tal-baġits tal-Istati Membri li huwa ddedikat għas-sostenibbiltà u l-innovazzjoni diġitali, il-proporzjon tal-akkwist pubbliku bi kriterji ta' sostenibbiltà, il-proporzjon ta' komunikazzjonijiet permezz ta' teknoloġiji tat-test interoperabbli u f'ħin reali, il-proporzjon ta' negozji li jużaw soluzzjonijiet tal-cloud ibbażati fl-Unjoni u dawk li jużaw għodod biex jivvalutaw l-impatt ambjentali tad-diġitalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u l-indikaturi ffukati fuq id-diżabilità, il-proporzjon ta' ċittadini li jużaw regolarment ċerti għodod diġitali (eż. it-telesaħħa), l-indikatur PRO-SERV, il-proporzjon ta' servizzi pubbliċi li japplikaw il-prinċipju ta' "darba biss", fejn iċ-ċittadini u n-negozji jridu jipprovdu ċerta informazzjoni standard darba biss u l-impatt stmat tad-diġitalizzazzjoni fuq l-istennija tal-*** |

***għomor. Dawk il-KPIs jenħtieġ ukoll li jiġu inkorporati fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-"Istat tad-Deċennju Diġitali".***

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport ikun jinkludi politiki, miżuri u azzjonijiet rakkomandati speċifiċi. Meta tirrakkomanda politiki, miżuri jew azzjonijiet fir-rapport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-aktar data riċenti disponibbli, l-impenji konġunti meħuda, il-politiki u l-miżuri definiti mill-Istati Membri, kif ukoll il-progress rigward l-azzjonijiet rakkomandati identifikati f'rapporti preċedenti u indirizzati matul il-kooperazzjoni annwali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis id-differenzi fil-potenzjal tal-Istati Membri individwali li jikkontribwixxu għall-miri diġitali, kif ukoll il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet diġà fis-seħħ u meqjusa bħala xierqa biex jintlaħqu l-miri, anki jekk l-effetti tagħhom ikunu għadhom ma mmaterjalizzawx. | (16) Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport ikun jinkludi politiki, miżuri u azzjonijiet rakkomandati speċifiċi. Meta tirrakkomanda politiki, miżuri jew azzjonijiet fir-rapport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-aktar data riċenti disponibbli, l-impenji konġunti meħuda, il-politiki u l-miżuri definiti mill-Istati Membri, kif ukoll il-progress rigward l-azzjonijiet rakkomandati identifikati f'rapporti preċedenti u indirizzati matul il-kooperazzjoni annwali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis id-differenzi fil-potenzjal tal-Istati Membri individwali li jikkontribwixxu għall-miri diġitali, ***u l-kapaċità li jinvestu fl-erba' oqsma: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozju u tas-servizzi pubbliċi,*** kif ukoll il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet diġà fis-seħħ u meqjusa bħala xierqa biex jintlaħqu ***l-objettivi u*** l-miri, anki jekk l-effetti tagħhom ikunu għadhom ma mmaterjalizzawx. |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Biex tiżgura t-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-partijiet | (29) Biex tiżgura t-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-partijiet |

| | |
|---|---|
| ikkonċernati interessati kollha. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż atturi privati u pubbliċi, bħal korpi regolati mil-liġijiet pubbliċi tas-settur edukattiv jew tas-saħħa, u tikkonsulta magħhom dwar miżuri biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali fil-livell tal-Unjoni. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati jkun importanti fil-livell tal-Istati Membri wkoll, b'mod partikolari meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali u l-aġġustamenti tagħhom. | ikkonċernati interessati kollha. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż atturi privati u pubbliċi, bħal korpi regolati mil-liġijiet pubbliċi tas-settur edukattiv jew tas-saħħa, ***kif ukoll mas-soċjetà ċivili*** u tikkonsulta magħhom dwar miżuri biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali fil-livell tal-Unjoni***. Meta jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati, jeħtieġ li jkun hemm inklużività kemm jista' jkun u li jiġu involuti wkoll dawk il-korpi li huma strumentali biex jiffavorixxu l-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa fil-karrieri edukattivi u professjonali diġitali, bil-għan li jiġi promoss l-aktar approċċ ibbilanċjat bejn il-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali***. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati jkun importanti fil-livell tal-Istati Membri wkoll, b'mod partikolari meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali u l-aġġustamenti tagħhom. |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi taġixxi bħala l-koordinatur ta' Proġetti Multinazzjonali, jenħtieġ li tgħin lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-interessi tagħhom fi Proġetti Multinazzjonali, tagħti gwida rigward l-għażla ta' mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ottimali u tipprovdi assistenza fl-implimentazzjoni, filwaqt li tikkontribwixxi għall-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli. | (33) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi taġixxi bħala l-koordinatur ta' Proġetti Multinazzjonali, jenħtieġ li tgħin ***u tikkoordina*** lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-interessi tagħhom fi Proġetti Multinazzjonali, tagħti gwida rigward l-għażla ta' mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ottimali u tipprovdi assistenza fl-implimentazzjoni, filwaqt li tikkontribwixxi għall-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli. |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 33a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33a) Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra jenħtieġ li jiżguraw settijiet ta' data ta' kwalità għolja u imparzjali sabiex itejbu l-output tas-sistemi algoritmiċi u jagħtu spinta lill-fiduċja u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 33b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33b) Il-fiduċja tal-konsumatur hija essenzjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki, azzjonijiet u proġetti. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu adegwatament infurmati, b'mod f'waqtu, imparzjali, li jinqara faċilment, standardizzat u aċċessibbli;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***tiġi stabbilita*** direzzjoni ċara għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u għall-ilħuq tal-miri diġitali; | (a) ***jiġu stabbiliti*** direzzjoni ċara ***u objettivi*** għat-trasformazzjoni diġitali ***li tkun għas-servizz tal-objettivi*** tal-Unjoni u għall-ilħuq tal-miri diġitali; |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tiġi strutturata u ***stimulata*** l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri; | (b) tiġi strutturata u ***mrawma*** l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri; |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jiġu żgurati l-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar mill-Unjoni. | (c) jiġu żgurati l-konsistenza, ***it-trasparenza, l-effiċjenza,*** il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar mill-Unjoni. |

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***jippromwovu*** ambjent diġitali ***li jiffoka*** fuq il-bniedem, inklużiv, sigur u miftuħ**,** fejn it-teknoloġiji u s-servizzi diġitali jirrispettaw u ***jtejbu*** l-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni; | (a) ***tippromwovi*** ambjent diġitali ***ċċentrat*** fuq il-bniedem, ***sostenibbli,*** inklużiv, ***aċċessibbli, trasparenti, ibbilanċjat bejn il-ġeneri,*** sigur u miftuħ fejn it-teknoloġiji u s-servizzi diġitali jirrispettaw u ***jsaħħu*** l-prinċipji***, id-drittijiet*** u l-valuri tal-Unjoni ***u fejn it-trasformazzjoni diġitali tibbenefika b'mod ugwali lill-membri kollha tas-soċjetà***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) isaħħu r-reżiljenza kollettiva tal-Istati Membri u ***jnaqqsu d-distakk*** diġitali, | (b) isaħħu r-reżiljenza kollettiva tal-Istati Membri u ***jeradikaw id-distakk*** |

| | |
|---|---|
| b'mod partikolari billi jippromwovu ħiliet diġitali bażiċi u speċjalizzati għal kulħadd u jrawmu l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali bi prestazzjoni għolja; | diġitali, b'mod partikolari billi jippromwovu ħiliet diġitali bażiċi u speċjalizzati għal kulħadd***, b'enfasi speċjali fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli*** u jrawmu l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali bi prestazzjoni għolja***, inkluż taħriġ kontinwu fil-ħiliet diġitali għall-ħaddiema attivi, u ħiliet oħra meħtieġa permezz ta' tagħlim mhux formali u li huwa aċċessibbli għal kulħadd***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jiżguraw is-sovranità diġitali, b'mod partikolari permezz ta' infrastruttura diġitali sigura u aċċessibbli li kapaċi tipproċessa volumi kbar ta' data li tippermetti żviluppi teknoloġiċi oħrajn, filwaqt li jappoġġaw il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni; | (c) jiżguraw is-sovranità diġitali, b'mod partikolari permezz ta' infrastruttura diġitali sigura u aċċessibbli li kapaċi tipproċessa volumi kbar ta' data li tippermetti żviluppi teknoloġiċi oħrajn, filwaqt li jappoġġaw il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni***, kif ukoll l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-mikro intrapriżi u l-SMEs, filwaqt li jinżamm suq diġitali miftuħ***; |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tikkontribwixxi għat-tkabbir tal-produttività, il-prosperità u l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ transfruntier b'servizzi diġitali, u tnaqqas l-ostakli inġusti għall-kummerċ u l-investimenti;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jippromwovu l-iskjerament u l-użu ta' kapaċitajiet diġitali li jagħtu aċċess għat-teknoloġiji u d-data diġitali fuq termini faċli u ġusti ***biex*** jinkiseb livell għoli ta' intensità u innovazzjoni diġitali fl-intrapriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk żgħar u medji; | (d) jippromwovu l-iskjerament u l-użu ta' kapaċitajiet diġitali li jagħtu aċċess għat-teknoloġiji u d-data diġitali fuq termini faċli***, aċċessibbli*** u ġusti***, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż is-sigurtà, sabiex*** jinkiseb livell għoli ta' ***ftuħ,*** intensità u innovazzjoni diġitali fl-intrapriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk żgħar u medji; |

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jippromwovu l-iżvilupp ta' standards regolatorji b'dimensjoni globali biex jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-UE, speċjalment l-SMEs, ikunu jistgħu jikkompetu b'mod ġust tul il-ktajjen tal-valur globali;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) joħolqu l-aktar kundizzjonijiet xierqa biex jiżviluppaw teknoloġiji ġodda u emerġenti bħall-cloud, edge, computing kwantistiku u ta' prestazzjoni għolja u jippromwovu l-adozzjoni tagħhom fin-negozji Ewropej, filwaqt li jappoġġaw ukoll il-kapaċitajiet tagħhom li jadottawhom;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jiżguraw li l-ħajja demokratika, is-servizzi pubbliċi u s-servizzi tas-saħħa u tal-kura jkunu aċċessibbli online għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabbiltà, filwaqt li joffru servizzi u għodod inklużivi, effiċjenti u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza; | (e) jiżguraw li l-ħajja demokratika, is-servizzi pubbliċi u s-servizzi tas-saħħa u tal-kura jkunu aċċessibbli online***, bi prezzijiet raġonevoli u ta' kwalità għolja*** għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabbiltà ***u l-persuni li għandhom aktar minn 74 sena***, filwaqt li joffru servizzi u għodod inklużivi, effiċjenti***, interoperabbli*** u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza; ***iżidu l-effiċjenza tas-settur tas-saħħa, inaqqsu r-rata tal-mortalità li tista' tiġi evitata u trattata u jżidu l-istennija tal-għomor bl-użu tat-telesaħħa, is-saħħa mobbli, it-telemediċina u l-kura konnessa;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jiżgura li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tkun żviluppata fiż-żoni rurali, remoti jew tal-muntanji tal-Unjoni; jippromwovi l-użu tal-prinċipju ta' darba biss fl-amministrazzjoni pubblika, mingħajr preġudizzjoni għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, għas-sistemi diġitali u għall-protezzjoni tad-data, filwaqt li jiżguraw servizzi diġitali pubbliċi effettivi u faċli biex jintużaw;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) jiżguraw li d-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji emerġenti, bħall-IA, jintużaw b'mod adegwat biex jingħelbu l-ostakli għas-suq uniku u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi;*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jiżguraw li l-infrastrutturi u t-teknoloġiji diġitali jsiru ***aktar*** sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, u jikkontribwixxu għal ekonomija u soċjetà sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima ***f'konformità mal-Patt*** Ekoloġiku Ewropew; | (f) jiżguraw li l-infrastrutturi u t-teknoloġiji diġitali jsiru sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi ***b'mod prestabbilit***, u jikkontribwixxu għal ekonomija u soċjetà sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima ***sabiex jinkisbu l-Patt*** Ekoloġiku Ewropew ***u l-objettivi u l-miri ambjentali tal-Unjoni***; |

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) isaħħu, jintegraw u jkomplu jikkollegaw l-ekosistemi tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet u t-talbiet tas-suq intern, u jiksbu s-sorsi kollha ta' innovazzjoni, jappoġġaw it-tkabbir tan-negozji l-ġodda, irawmu l-imprenditorija u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' suq intern dinamiku anke f'termini ta' riċerka u innovazzjoni; jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni, speċjalment f'oqsma b'intensità għolja fid-data;*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) jiffaċilitaw kundizzjonijiet konverġenti għall-investimenti fit-trasformazzjoni diġitali madwar l-Unjoni kollha, inkluż billi jsaħħu s-sinerġiji bejn ***l-użu tal-fondi*** tal-Unjoni u ta' dawk nazzjonali, u jiżviluppaw approċċi regolatorji prevedibbli; | (g) jiffaċilitaw kundizzjonijiet konverġenti għall-investimenti fit-trasformazzjoni diġitali madwar l-Unjoni kollha, ***b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro u l-SMEs u ż-żoni rurali,*** inkluż billi jsaħħu s-sinerġiji bejn ***id-diversi inizjattivi u programmi tal-Unjoni, fosthom l-Impriżi Konġunti ta' Orizzont Ewropa, is-sinerġiji bejn il-fondi*** tal-Unjoni u ta' dawk nazzjonali ***kif ukoll bejn il-fondi privati u dawk pubbliċi***, ***filwaqt li jippromwovu l-investimenti favur ir-riżultati vantaġġużi fil-livell soċjali u ambjentali*** u jiżviluppaw approċċi regolatorji prevedibbli ***biex jiggarantixxu li n-negozji jkunu jistgħu jaċċedu għall-assistenza finanzjarja għat-trasformazzjoni diġitali***; |

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiżguraw li l-politiki u l-programmi kollha li huma rilevanti għall-ilħuq tal-miri diġitali jiġu kkunsidrati b'mod ikkoordinat u koerenti biex jikkontribwixxu bis-sħiħ għat-tranżizzjoni diġitali. | (h) jiżguraw li l-politiki u l-programmi kollha li huma rilevanti għall-ilħuq tal-miri diġitali jiġu kkunsidrati b'mod ikkoordinat u koerenti***, bl-involviment tas-soċjetà ċivili,*** biex jikkontribwixxu bis-sħiħ għat-tranżizzjoni diġitali. |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "rieżami bejn il-pari" tfisser mekkaniżmu ta' rieżami li bih l-Istati Membri jistgħu jikkummentaw dwar aspetti speċifiċi tal-politiki, tal-miżuri u tal-azzjonijiet proposti minn Stat Membru partikolari u, b'mod partikolari, dwar l-adegwatezza tagħhom biex jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' mira speċifika tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, fil-kuntest tal-kooperazzjoni annwali stabbilita fl-Artikolu 8 u li jistgħu jservu għall-iskambju tal-aħjar prattiki; | (4) "rieżami bejn il-pari" tfisser mekkaniżmu ta' rieżami li bih l-Istati Membri jistgħu jikkummentaw dwar aspetti speċifiċi tal-politiki, tal-miżuri u tal-azzjonijiet proposti minn Stat Membru partikolari u, b'mod partikolari, dwar ***l-effiċjenza u*** l-adegwatezza tagħhom biex jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' mira speċifika tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, fil-kuntest tal-kooperazzjoni annwali stabbilita fl-Artikolu 8 u li jistgħu jservu għall-iskambju tal-aħjar prattiki; |

**Emenda 43**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) "ħiliet bażiċi jew aktar minn bażiċi" tfisser l-individwi kollha ta' bejn is-16 u l-74 sena, b'ħiliet diġitali "bażiċi" jew "aktar minn bażiċi" f'kull waħda mill-erba' dimensjonijiet li ġejjin: l-informazzjoni, il-komunikazzjoni, is-soluzzjoni tal-problemi u s-software għall-ħolqien tal-kontenut.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-inqas 80% ***ta' dawk li*** għandhom ***bejn is-16 u l-74 sena jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali*** bażiċi; | (a) mill-inqas 80 % ***taċ-ċittadini tal-Unjoni*** għandhom ***ħiliet diġitali bażiċi jew aktar minn*** bażiċi; |

**Emenda 45**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***jiġu impjegati*** mill-inqas 20 miljun speċjalista fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), ***b'konverġenza bejn in-nisa*** u ***l-irġiel***; | (b) mill-inqas 20 miljun speċjalista ***kkwalifikat*** fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), ***filwaqt li jiġi promoss l-aċċess tan-nisa f'dan il-qasam*** u ***jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri kif ukoll id-distakk soċjali jew ġeografiku***; |

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) infrastrutturi diġitali siguri, effiċjenti u sostenibbli: | (2) ***teknoloġiji u*** infrastrutturi diġitali siguri, effiċjenti u sostenibbli: |

**Emenda 47**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-unitajiet domestiċi Ewropej kollha jkunu koperti minn network tal-Gigabits, biż-żoni popolati kollha jkunu koperti mill-5G; | (a) l-unitajiet domestiċi Ewropej kollha jkunu koperti minn network tal-Gigabits, biż-żoni popolati kollha jkunu koperti mill-5G ***mingħajr ma jintesew iż-żoni remoti u rurali***; |

**Emenda 48**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4– paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) ikun possibbli l-iżvilupp ta' servizzi u teknoloġiji tas-6G u biex jinbew il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kapaċitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni rilevanti;*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) sal-2030, l-Unjoni għandu jkollha stabbilita infrastruttura kompetittiva u sostenibbli tal-cloud tad-data, bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, għall-finijiet tal-appoġġ tas-sovranità diġitali tal-Unjoni;*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-inqas 75% tal-intrapriżi tal-Unjoni jkunu adottaw: | (a) mill-inqas 75 % tal-intrapriżi ***rilevanti*** tal-Unjoni jkunu adottaw: |

**Emenda 51**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi: | (4) id-diġitalizzazzjoni ***sostenibbli*** tas-servizzi pubbliċi: |

**Emenda 52**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 100% forniment aċċessibbli online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni; | (a) 100 % forniment aċċessibbli online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni ***bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress tal-Unjoni fl-isfond ***tal-objettivi*** u l-miri diġitali stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha ***tistrieħ*** fuq l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) u, għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 25(2), għandha tistabbilixxi f'att ta' implimentazzjoni l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ("KPIs") għal kull mira diġitali**.** **.** **.** | (1) Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress tal-Unjoni fl-isfond ***ta' kull wieħed mill-objettivi*** u l-miri diġitali stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha ***toqgħod*** fuq l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) u, għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 25(2) ***u wara konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti***, għandha tistabbilixxi f'att ta' implimentazzjoni***, adottat sat-30 ta' Ġunju 2023, ir-riżultati u l-impatt orjentat lejn*** l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ("KPIs") għal kull mira diġitali. ***Tali KPIs għandhom jinkludu mill-inqas l-indikaturi li ġejjin:*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1) l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-ħiliet ta' qari, matematiċi u xjentifiċi taċ-ċittadini u l-perċentwal taċ-ċittadini, iddifferenzjati skont il-faxxa tal-età, li nkiteb f'korsijiet ta' taħriġ immirati biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom, l-għarfien tagħhom tar-rikors u tad-drittijiet diġitali*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħhom, il-litteriżmu medjatiku, id-diżinformazzjoni u l-kontroll tad-data personali tagħhom;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2) il-perċentwal ta' ċentri tad-data bi standards għoljin f'dak li hu ekodisinn u b'teknoloġiji bħal tkessiħ minn sorsi liberi, refriġerazzjoni minn sorsi liberi jew l-użu ottimizzat mill-ġdid tas-sħana ġġenerata applikata;*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3) il-perċentwal ta' komponenti tat-tagħmir diġitali u tal-infrastrutturi miġbura u riċiklati fi tmiem tal-ħajja;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4) il-perċentwal ta' baġit annwali li Stat Membru partikolari ddedika għall-qasam diġitali favur l-applikazzjoni sostenibbli tat-teknoloġiji diġitali u l-innovazzjoni tat-teknoloġiji sostenibbli bi qbil mal-objettivi ambjentali tal-Unjoni;*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5) il-perċentwal ta' akkwist pubbliku bi kriterji obbligatorji f'dik li hi sostenibbiltà u l-miri li jiffavorixxu s-sors miftuħ u li jinkludu soluzzjonijiet interoperabbli;*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6) il-perċentwal ta' ċittadini kollha li jikkomunikaw permezz ta' teknoloġiji interoperabbli ta' konverżazzjoni totali u ta' test f'ħin reali bħala servizzi tal-komunikazzjoni elettronika prinċipali;*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 7 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7) il-perċentwal ta' negozji li jużaw soluzzjonijiet cloud ibbażati fl-Ewropa biex tissaħħaħ is-sovranità diġitali Ewropea;*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 8 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8) il-perċentwal ta' negozji rilevanti li*** |

***jużaw għodda aċċessibbli u bi prezzijiet raġonevoli għall-valutazzjoni ambjentali tal-użu diġitali tagħhom skont metodoloġija ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja bi kriterji multipli standardizzata fil-livell tal-Unjoni;***

**Emenda 62**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 9 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9) il-perċentwal ta' servizzi u prodotti aċċessibbli għal kulħadd, fosthom il-persuni b'diżabbiltà;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 10 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10) il-perċentwal ta' ċittadini li regolarment jużaw servizzi ta' telesaħħa, telemediċina, saħħa mobbli u kura konnessa;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 11 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11) l-indikatur PRO-SERV;*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 12 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12) il-perċentwal ta' servizzi pubbliċi li jimplimentaw il-prinċipju ta' darba biss;*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 13 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(13) l-impatt stmat tad-diġitalizzazzjoni fuq l-istennija tal-għomor taċ-ċittadini u r-rata ta' mortalità standardizzata li tista' tiġi ttrattata u evitata;*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1a) Sat-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat dwar id-dati, il-format u l-kwalità tad-data pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (2) L-Istati Membri għandhom jipprovdu fil-ħin lill-Kummissjoni l-istatistika u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tat-tranżizzjoni diġitali u tal-grad ta' lħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4. Dan għandu jinkludi informazzjoni rilevanti dwar id- | (2) L-Istati Membri għandhom jipprovdu fil-ħin lill-Kummissjoni l-istatistika u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tat-tranżizzjoni diġitali u tal-grad ta' lħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 ***u l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2***. Dan għandu jinkludi |

| | |
|---|---|
| disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-ispettru. Meta l-istatistika rilevanti tal-Istati Membri tkun għadha mhux disponibbli, il-Kummissjoni tista' tuża metodoloġija alternattiva għall-ġbir tad-data, bħal studji jew ġbir dirett tad-data mill-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri. L-użu ta' dik il-metodoloġija alternattiva għall-ġbir tad-data ma għandux jaffettwa l-kompiti tal-Eurostat kif stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE[47]. | informazzjoni rilevanti dwar id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-ispettru. Meta l-istatistika rilevanti tal-Istati Membri tkun għadha mhux disponibbli, il-Kummissjoni tista' tuża metodoloġija alternattiva għall-ġbir tad-data, bħal studji jew ġbir dirett tad-data mill-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri. L-użu ta' dik il-metodoloġija alternattiva għall-ġbir tad-data ma għandux jaffettwa l-kompiti tal-Eurostat kif stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE[47]. |
| [47] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49). | [47] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49). |

**Emenda 69**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandha tiddefinixxi t-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni għall-ilħuq ta' kull waħda mill-miri diġitali, li jservu bħala bażi għall-monitoraġġ u l-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali. Meta meħtieġ, fid-dawl tal-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi jew tas-soċjetà, il-Kummissjoni għandha taġġorna ***waħda jew aktar minn*** dawn it-trajettorji proġettati. | (3) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandha tiddefinixxi t-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni għall-ilħuq ta' kull waħda mill-miri diġitali, li jservu bħala bażi għall-monitoraġġ u l-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali. Meta meħtieġ, fid-dawl tal-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi jew tas-soċjetà, il-Kummissjoni għandha taġġorna dawn it-trajettorji proġettati ***f'dan is-sens***. |

**Emenda 70**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-Istati Membri għandhom | (4) L-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| jipprovdu fil-ħin lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji ***stabbiliti*** fi [daħħal it-titolu tad-Dikjarazzjoni solenni]. | jipprovdu fil-ħin lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji ***diġitali kif approvati*** fi [daħħal it-titolu tad-Dikjarazzjoni solenni]. |

**Emenda 71**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". Dan ir-rapport għandu jkun ir-rapport komprensiv tal-Kummissjoni dwar il-progress fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u għandu jinkludi l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI). | (1) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". Dan ir-rapport għandu jkun ir-rapport komprensiv tal-Kummissjoni dwar il-progress fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u għandu jinkludi l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) ***u l-KPIs għal kull mira diġitali skont l-Artikolu 5(1) ta' din id-Deċiżjoni. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Fir-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", il-Kummissjoni għandha tipprovdi valutazzjoni tal-progress tat-tranżizzjoni diġitali tal-Unjoni fl-isfond tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, kif ukoll ***l-istat ta' konformità*** mal-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 2 u l-prinċipji ***stabbiliti*** fi [daħħal it-titolu tad-Dikjarazzjoni solenni]. Il-valutazzjoni tal-progress li jkun sar għandha tkun ibbażata, b'mod partikolari, fuq l-analiżi u l- | (2) Fir-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", il-Kummissjoni għandha tipprovdi valutazzjoni tal-progress tat-tranżizzjoni diġitali tal-Unjoni fl-isfond tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, kif ukoll ***il-konformità*** mal-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 2 u l-prinċipji ***diġitali kif approvati*** fi [daħħal it-titolu tad-Dikjarazzjoni solenni]. Il-valutazzjoni tal-progress li jkun sar għandha tkun ibbażata, b'mod partikolari, fuq l-analiżi u |

| | |
|---|---|
| indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fid-DESI meta mqabbla mal-livell tal-Unjoni u, meta applikabbli, mat-trajettorji proġettati nazzjonali u, meta applikabbli, fuq l-istabbiliment ta' Proġetti Multinazzjonali u l-progress fir-rigward tagħhom. | l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fid-DESI meta mqabbla mal-livell tal-Unjoni u, meta applikabbli, mat-trajettorji proġettati nazzjonali u, meta applikabbli, fuq l-istabbiliment ta' Proġetti Multinazzjonali u l-progress fir-rigward tagħhom. |

**Emenda 73**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fir-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda politiki, miżuri jew azzjonijiet li jridu jieħdu l-Istati Membri f'oqsma li ma għamlux progress biżżejjed biex jintlaħqu l-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 jew meta jkunu ġew identifikati lakuni u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". Dawk il-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet rakkomandati ***jistgħu***, b'mod partikolari, jindirizzaw: | (3) Fir-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda politiki, miżuri jew azzjonijiet li jridu jieħdu l-Istati Membri f'oqsma li ma għamlux progress biżżejjed biex jintlaħqu l-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4***, ma jkunux ġew rispettati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2*** jew meta jkunu ġew identifikati lakuni***, diffikultajiet*** u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". Dawk il-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet rakkomandati ***għandhom***, b'mod partikolari, jindirizzaw: |

**Emenda 74**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapport ***jista'*** jivvaluta wkoll il-ħtieġa għal kwalunkwe politika, miżura jew azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. | (6) Ir-rapport ***għandu*** jivvaluta wkoll il-ħtieġa għal kwalunkwe politika, miżura jew azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. |

**Emenda 75**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a) għandhom ikunu relatati mal-ilħuq tal-objettivi u tal-miri diġitali ta' din id-Deċiżjoni li għalihom, fid-data tas-sottomissjoni tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali jew tal-aġġustament ta' dawk il-pjanijiet direzzjonali, japplikaw ***waħda jew aktar minn dawn*** li ġejjin: | (3) Il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a) għandhom ikunu relatati mal-ilħuq tal-objettivi u tal-miri diġitali ta' din id-Deċiżjoni li għalihom, fid-data tas-sottomissjoni tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali jew tal-aġġustament ta' dawk il-pjanijiet direzzjonali, japplikaw ***dawn l-elementi kollha*** li ġejjin: |

**Emenda 76**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-Istati Membri għandhom jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-investiment meħtieġ biex jikkontribwixxu ***għall-objettivi*** u ***l-miri*** diġitali kif stabbiliti fil-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali, u deskrizzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investiment, inkluż, meta applikabbli, l-użu ppjanat tal-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni. Il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali ***jistgħu*** jinkludu proposti għal Proġetti Multinazzjonali. | (4) L-Istati Membri għandhom jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-investiment meħtieġ biex jikkontribwixxu ***għall-ilħuq tal-objettivi*** u ***tal-miri*** diġitali kif stabbiliti fil-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali, u deskrizzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investiment, inkluż, meta applikabbli, l-użu ppjanat tal-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni. Il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali ***għandhom*** jinkludu proposti għal Proġetti Multinazzjonali ***biex titrawwem kooperazzjoni transfruntiera***. |

**Emenda 77**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet direzzjonali strateġiċi | (5) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet direzzjonali strateġiċi |

| | |
|---|---|
| nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali jqisu l-aktar rakkomandazzjonijiet ***riċenti*** speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. L-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali għandhom iqisu l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati skont l-Artikolu 6(3) u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont l-Artikolu 9. | nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali jqisu l-aktar rakkomandazzjonijiet ***reċenti*** speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ***u jikkontribwixxu għaċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew li jmiss***. L-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali għandhom iqisu l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati skont l-Artikolu 6(3) u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont l-Artikolu 9. |

**Emenda 78**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali, inkluż dwar kif għandhom jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, meta possibbli, trajettorji proġettati xierqa li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tat-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni. | (6) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi ***analiżi tal-aħjar prattiki u xejriet fl-Unjoni u barra minnha, u*** gwida u appoġġ lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali, inkluż dwar kif għandhom jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, meta possibbli, trajettorji proġettati xierqa li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tat-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni. |

**Emenda 79**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fis-sit web tagħha d-dokumenti kollha mħejjija skont l-Artikolu 7 mingħajr dewmien żejjed.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jidentifikaw modi kif jindirizzaw in-nuqqasijiet f'oqsma ***fejn*** il-progress ma kienx biżżejjed biex jintlaħqu waħda jew aktar mill-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 jew meta jkunu ġew identifikati lakuni u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". ***Din l-analiżi għandha tqis, b'mod partikolari, il-kapaċitajiet differenti tal-Istati Membri biex jikkontribwixxu għal uħud mill-miri diġitali u r-riskju li d-dewmien fuq uħud minn dawn il-miri jista' jkollu effett detrimentali fuq l-ilħuq ta' miri diġitali oħrajn.*** | (1) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jidentifikaw modi kif jindirizzaw in-nuqqasijiet f'oqsma ***li fihom*** il-progress ma kienx biżżejjed biex jintlaħqu waħda jew aktar mill-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4***, ma jkunux ġew rispettati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2,*** jew meta jkunu ġew identifikati lakuni***, diffikultajiet*** u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". |

**Emenda 81**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom joħolqu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli, mekkaniżmi u strumenti proporzjonati biex jindirizzaw in-natura evoluttiva tal-algoritmi, f'każ li r-riżultat ta' tali algoritmu jikser id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali, u jiżugraw reviżjonijiet regolatorji adegwati, xierqa u kontinwi.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (3) Fi żmien ħames xhur mill-pubblikazzjoni tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", l-Istati Membri kkonċernati għandhom ***jissottomettu*** lill-Kummissjoni l-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali, li jikkonsistu f'politiki, miżuri u azzjonijiet li jkollhom il-ħsieb li jwettqu, inkluż, meta rilevanti, proposti għal Proġetti Multinazzjonali, biex jitrawwem il-progress fl-oqsma kkonċernati mill-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 u biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2. ***Jekk Stat Membru jqis li ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni u li l-pjan direzzjonali strateġiku nazzjonali tiegħu tad-Deċennju Diġitali ma jkunx jeħtieġ li jiġi aġġornat, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet tiegħu bil-miktub.*** | (3) Fi żmien ħames xhur mill-pubblikazzjoni tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", l-Istati Membri kkonċernati għandhom ***jippreżentaw*** lill-Kummissjoni l-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali, li jikkonsistu f'politiki, miżuri u azzjonijiet li jkollhom il-ħsieb li jwettqu, inkluż, meta rilevanti, proposti għal Proġetti Multinazzjonali, biex jitrawwem il-progress fl-oqsma kkonċernati mill-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 u biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2. |

**Emenda 83**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) Jekk Stat Membru jqis li ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni u li l-pjan direzzjonali strateġiku nazzjonali tiegħu tad-Deċennju Diġitali ma jkunx jirrikjedi aġġornament, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet tiegħu bil-miktub lill-Kummissjoni u jippubblikahom.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (4) Fi kwalunkwe ***punt*** tal- | (4) Fi kwalunkwe ***mument*** tal- |

| | |
|---|---|
| kooperazzjoni annwali, il-Kummissjoni u Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jwettqu impenji konġunti, jikkonsultaw ma' Stati Membri oħrajn dwar il-politika, il-miżuri jew l-azzjonijiet jew jistabbilixxu Proġetti Multinazzjonali kif previst fl-Artikolu 12. Il-Kummissjoni jew Stat Membru li jkun ippropona politika, miżura jew azzjoni jistgħu jitolbu wkoll li jitnieda proċess ta' rieżami bejn il-pari rigward aspetti speċifiċi ta' dik il-politika, il-miżura jew l-azzjoni u, b'mod partikolari, dwar l-adegwatezza tagħha li tikkontribwixxi biex tintlaħaq mira diġitali speċifika. L-eżitu tal-proċess ta' rieżami bejn il-pari ***jista'*** jiġi inkluż fir-Rapport li ġej dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". | kooperazzjoni annwali, il-Kummissjoni u Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jwettqu impenji konġunti, jikkonsultaw ma' Stati Membri oħrajn dwar il-politika, il-miżuri jew l-azzjonijiet jew jistabbilixxu Proġetti Multinazzjonali kif previst fl-Artikolu 12. Il-Kummissjoni jew Stat Membru li jkun ippropona politika, miżura jew azzjoni jistgħu jitolbu wkoll li jitnieda proċess ta' rieżami bejn il-pari rigward aspetti speċifiċi ta' dik il-politika, il-miżura jew l-azzjoni u, b'mod partikolari, dwar l-adegwatezza tagħha li tikkontribwixxi biex tintlaħaq mira diġitali speċifika. L-eżitu tal-proċess ta' rieżami bejn il-pari ***għandu*** jiġi inkluż fir-Rapport li ġej dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". |

**Emenda 85**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri nazzjonali mhumiex biżżejjed u jpoġġu f'riskju l-ilħuq fil-ħin tal-objettivi u tal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, din ***tista'*** tipproponi miżuri, kif xieraq, u teżerċita s-setgħat tagħha skont it-Trattati biex tiżgura l-ilħuq kollettiv ta' dawk l-objettivi u l-miri. | (4) Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri nazzjonali mhumiex biżżejjed u jpoġġu f'riskju l-ilħuq fil-ħin tal-objettivi u tal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, din ***għandha*** tipproponi miżuri, kif xieraq, u teżerċita s-setgħat tagħha skont it-Trattati biex tiżgura l-ilħuq kollettiv ta' dawk l-objettivi u l-miri. |

**Emenda 86**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) F'każ li Stat Membru jiddevja kontinwament mit-trajettorja proġettata nazzjonali għal diversi snin, jew inkella ma jkollux il-ħsieb li jadotta azzjoni korrettiva | (5) F'każ li Stat Membru jiddevja kontinwament mit-trajettorja proġettata nazzjonali għal diversi snin, jew inkella ma jkollux il-ħsieb li jadotta azzjoni korrettiva |

| | |
|---|---|
| bbażata fuq rakkomandazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ***tista'*** tibda djalogu mmirat mal-Istat Membru inkwistjoni u tinforma b'dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | bbażata fuq rakkomandazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ***għandha*** tibda djalogu mmirat mal-Istat Membru inkwistjoni u tinforma b'dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 87**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-Istati Membri kkonċernati jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu proċess ta' rieżami bejn il-pari għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-obbligi u l-kompiti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, ***inkluż is-sħab*** soċjali, biex tiġbor l-informazzjoni u tiżviluppa l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. | (1) Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib ***b'mod trasparenti*** mal-partijiet ikkonċernati ***tal-Unjoni u internazzjonali*** privati u pubbliċi, ***inklużi s-sħab*** soċjali ***u s-soċjetà ċivili***, biex tiġbor l-informazzjoni u tiżviluppa l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. |

**Emenda 89**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-objettiv ġenerali tal-Proġetti Multinazzjonali għandu jkun li jiffaċilitaw | (1) L-objettiv ġenerali tal-Proġetti Multinazzjonali għandu jkun li jiffaċilitaw |

| | |
|---|---|
| l-ilħuq tal-miri diġitali. | l-ilħuq tal-miri diġitali***, filwaqt li jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi deskritti fl-Artikolu 2***. |

**Emenda 90**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tisħiħ tal-eċċellenza teknoloġika u tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni f'teknoloġiji kritiċi u fi prodotti, servizzi u infrastrutturi diġitali li huma essenzjali għall-irkupru ekonomiku u għall-prosperità, kif ukoll għas-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini; | (b) it-tisħiħ tal-eċċellenza teknoloġika u tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni f'teknoloġiji kritiċi u fi prodotti, servizzi u infrastrutturi diġitali li huma essenzjali għall-irkupru ekonomiku u għall-prosperità, kif ukoll ***għall-benesseri ekonomiku u*** għas-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini; |

**Emenda 91**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) it-tisħiħ tal-funzjonament tas-Suq Uniku Diġitali u tal-kompetittività tiegħu permezz tal-faċilitazzjoni tal-operazzjonijiet transfruntiera u t-tneħħija tal-ostakli inġustifikati għall-kummerċ;*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) il-promozzjoni ta' approċċi edukattivi u professjonali biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali li huma meħtieġa biex jinkisbu aktar impjiegi ta' kwalità u karrieri li jagħtu sodisfazzjon u*** |

| | |
|---|---|
| | ***biex tiġi promossa parteċipazzjoni akbar tal-bniet u tan-nisa fil-qasam diġitali;*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kwalunkwe Proġett Multinazzjonali għandu jippubblika l-objettivi speċifiċi tiegħu, inklużi indikaturi li jistgħu jitkejlu, fil-mument meta jiġi stabbilit.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-Kummissjoni tista' tadotta rakkomandazzjoni biex tistabbilixxi Proġett Multinazzjonali jew biex tistieden lil Stat Membru jipparteċipa fi Proġett Multinazzjonali li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi minn (1) sa (3), filwaqt li jitqiesu l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali ***u l-aderenza*** mal-azzjonijiet rakkomandati tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jintrabtu wkoll li jistabbilixxu, jew jissieħbu fi, Proġett Multinazzjonali bħala impenn konġunt. | (5) Il-Kummissjoni tista' tadotta rakkomandazzjoni biex tistabbilixxi Proġett Multinazzjonali jew biex tistieden lil Stat Membru jipparteċipa fi Proġett Multinazzjonali li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi minn (1) sa (3), filwaqt li jitqiesu l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi ***u tal-objettivi*** nazzjonali tad-Deċennju Diġitali ***kif ukoll l-adeżjoni*** mal-azzjonijiet rakkomandati tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jintrabtu wkoll li jistabbilixxu, jew jissieħbu fi, Proġett Multinazzjonali bħala impenn konġunt. |

**Emenda 95**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Impriżi Konġunti; | (a) Impriżi Konġunti***, b'mod*** |

| | |
|---|---|
| | ***partikolari l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja***; |

**Emenda 96**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) kwalunkwe mekkaniżmu ta' implimentazzjoni xieraq ieħor. | (g) kwalunkwe mekkaniżmu ta' implimentazzjoni xieraq ieħor ***f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14***. |

**Emenda 97**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll, fuq inizjattiva tagħha, li tikkoordina Proġett Multinazzjonali f'konformità mal-passi deskritti fil-paragrafi 2 u 3 lill-Istati Membri parteċipanti.*** |

**Emenda 98**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-EDIC għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | (5) Id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-EDIC għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna reġistru tal-EDICs fil-ħin opportun.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-assemblea tal-membri mingħajr dritt tal-vot. Madankollu, meta programm tal-Unjoni ġestit ċentralment jikkontribwixxi finanzjarjament għal Proġett Multinazzjonali, il-Kummissjoni għandu jkollha dritt ta' veto fuq id-deċiżjonijiet tal-assemblea. | (2) Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-assemblea tal-membri mingħajr dritt tal-vot. Madankollu, meta programm tal-Unjoni ġestit ċentralment jikkontribwixxi finanzjarjament għal Proġett Multinazzjonali, il-Kummissjoni għandu jkollha dritt ta' veto fuq id-deċiżjonijiet tal-assemblea. ***Id-deċiżjonijiet tal-assemblea inklużi r-riżultati tal-votazzjonijiet u deċiżjoni ta' votazzjoni partikolari ta' kull membru għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fi żmien 15-il jum mill-adozzjoni tagħha.*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ir-regoli dwar is-sjieda tal-infrastruttura, tal-proprjetà intellettwali u ta' assi oħrajn, kif applikabbli. | (f) ir-regoli dwar is-sjieda tal-infrastruttura, tal-proprjetà intellettwali***, tal-profitti*** u ta' assi oħrajn, kif applikabbli. |

**Emenda 101**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) Hubs ta' innovazzjoni diġitali Ewropej; | (i) Hubs ta' ***riċerka u*** innovazzjoni diġitali Ewropej; |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tal-Programm ta’ Politika tal-2030 “Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali” |
| **Referenzi** | COM(2021)0574 – C9-0359/2021 – 2021/0293(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>18.10.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>18.10.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Ivars Ijabs<br>16.11.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 7.2.2022 28.3.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 20.4.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 36<br>–: 0<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Brando Benifei, Adam Bielan, Hynek Blaško, Biljana Borzan, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Geoffroy Didier, Edina Tóth, Kosma Złotowski |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 36 | + |
|---|---|
| NI | Edina Tóth |
| PPE | Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Marion Walsmann |
| Renew | Andrus Ansip, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein, Marco Zullo |
| S&D | Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose |
| The Left | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 9 | 0 |
|---|---|
| ECR | Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek, Kosma Złotowski |
| ID | Hynek Blaško, Markus Buchheit, Marco Campomenosi, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni